*- SERVIZZ TAT-TELEFON -*

*- ART.20 TAL- AVVIZ LEGALI 47 TAL-1972; ART.49 TAL-KAP 250 -*

*- ONERU TA' PROVA - FIRMA GHAN-NOM TA' PERSUNA GURIDIKA -*

*- PROVA TAL-ISTESS -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April 2001.**

**Kawza Numru: 7**
**Citazzjoni Numru: 1056/94/RCP**

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Eileen Borg**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta, l-konvenuta ghandha taghti is-somma ta' Lm1,633.49 (elf, sitt mija u tlieta u tlettin lira, u erbgha u disghin centezmu) bhala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 488219, u dan kif jidher mill-prospett esebit ma din ic-citazzjoni; u illi interpellata sabiex thallas il-konvenuta baqghet inadempjent.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li din il-Qorti:

(1) Tikkundannaha thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u tlettin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm1,633.49) dovuta minna bhala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghall-linja numru 488219, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 527/94 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 8 tal-process;

Rat il-verbal tas-17 ta' Mejju 1995 fejn Dr Fenech ghall-konvenuta prezenti ta' ruhu notifikat bic-citazzjoni u bl-appuntament tas-smiegh tal-kawza u ddikjara li ghandu jipprezenta in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta. Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Gunju 1995 ghall-prezentata ta' l-istess.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-22 ta' Mejju 1995 a fol 15 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi t-talba attrici, in kwantu diretta lejha, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur nomine, in kwantu l-eccipjenti ma hijiex is-*subscriber* tal-korporazzjoni attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 16 tal-process;

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 1995 fejn Dr Fenech ipprezenta Nota b'dokument (fol 19 sa 22 tal-process) in sostenn tal-eccezzjoni tal-konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Dicembru 1995 ghall-ezami ta' dan id-dokument.

Rat il-verbal tal-15 ta' Dicembru 1995, tad-19 ta' April 1996 fejn is-socjeta` attrici u d-difensur taghha msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux, u l-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tas-16 ta' Lulju 1996 u d-digriet tal-Qorti fejn irriappuntat il-kawza ghat-18 ta' Novembru 1996.

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru 1996, fejn l-attur nomine ta' ruhu notifikat bir-riappuntament tal-kawza . Dr Sandra Caruana ghall-attur nomine ddikjarat li behsieba tintavola

rikors ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Marzu 1997 ghall-prezentata ta' dan ir-rikors u ghan-notifika tal-konvenuta bir-riappuntament.

Rat ir-rikors tas-26 ta' Novembru 1998 u d-digriet tal-Qorti tal-1 ta' Dicembru 1996 fejn laqghet it-talba fir-rigward tal-korrezzjonijiet kif rikjesti bin-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta lill-kontro-parti.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 1997 fejn il-kawza giet differita ghat-18 ta' Gunju 1997 ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-konvenuta.

Rat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Marzu 1997.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 1997 fejn Dr Ramona Frendo ghall-konvenuta tat ruha b'notifikata ghan-nom tal-konvenuta bic-citazzjoni kif korretta. Dr Christian Farrugia ghas-socjeta` attrici talab differiment biex jillegittima l-atti. Il-kawza giet differita ghall-15 t'Ottubru 1997.

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 1997 fejn il-kawza regghet giet differita ghall-legittimazzjoni tal-atti ghat-12 ta' Dicembru 1997.

Rat ir-rikors tat-28 ta' Ottubru 1997 u d-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Novembru 1997 fejn awtorizzat lill-Korporazzjoni Telemalta tassumi l-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 1998 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12 ordnat il-korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens illi fl-okkju taghha il-kelma "ammessa" tigi mibdula u sostitwita bil-kelma "awtorizzata". Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Marzu 1998 ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 1998 fejn il-kawza giet differita ghall-legittimazzjoni tal-atti ghas-17 ta' Gunju 1998.

Rat ir-rikors tal-15 t'April 1998 u d-digriet tal-Qorti tad-19 ta' April 1998 fejn ordnat li fl-okkju tal-kawza jithassru l-kliem kollha minn "Saviour Farrugia" sa "nomine" fic-citazzjoni u l-kliem minn "Saviour Farrugia" sa "Telemalta" mid-dikjarazzjoni guramentata u fiz-zewg kazi, jigu sostitwiti bil-kliem "Maltacom plc".

Rat il-verbal tas-17 ta' Gunju 1998 fejn il-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa fejn hu possibbli tipproduci l-provi taghha bil-procedura tal-affidavit ghall-11 ta' Dicembru 1998.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Dicembru 1998, tas-7 ta' Mejju 1999, tal-24 ta' Novembru 1999, tal-5 ta' Mejju 2000, tas-6 t'Ottubru 2000 u tal-15 ta' Novembru 2000 fejn inghata digriet tal-affidavit lis-socjeta` attrici ta' 40 jum u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghas-7 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-5 ta' Jannar 2001 (fol 60 sa 63 tal-process).

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2001 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux. Inghata digriet tal-affidavits tal-konvenuta ta' 30 jum. Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenuta ghall-21 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu 2001 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux. Il-Qorti ddegretat li peress li l-kawza kienet ghall-lum ghall-provi kollha tal-konvenuta u la dehret hi, la resqet provi u lanqas prezentat affidavits, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fl-ewwel lok il-Qorti *ai termini* tal-**artikolu 175 (3)** tordna l-korrezzjoni fit-talba attrici b'dan li in-numru hamsa fin-numru tat-telefon hemm indikat jigi kancellat, u dan peress li jirrizulta li dan huwa manifestament zball dattilografiku u l-istess numru hamsa (5) gie miktub erronjament fl-istess talba.

Illi din il-kawza saret mis-socjeta' attrici stante li qed titlob il-hlas tal-ammont ta' Lm1,633.49 rapprezentanti prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 488219.

Illi dan jidher li qed issir a bazi tal-ftehim iffirmat mill-konvenuta a bazi tal-artikolu 20 tal-Avviz Legali Numru 47 tal-1972 li baqa' ritenut *in vigore* skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 49 tal-Kap 250 tal-Ligijiet ta' Malta,** liema ftehim huwa datat 12 ta' Marzu 1990 u jinsab esebit bhala Dok. "A" mac-citazzjoni attrici.

Illi l-eccezzjoni tal-konvenuta hija fis-sens li hija kienet iffirmat ghan-nom tas-socjeta' Comerio Industry Limited u dan sostnietu fid-dikjarazzjoni taghha annessa mal-istess citazzjoni, li fiha infisha hija wkoll prova li ghandha tigi ikkunsidrata minn din il-Qorti. Illi l-istess konvenuta insostenn ta' din l-allegazzjoni taghha esebit ukoll certifikat Numru 610/90 datat 12 ta' Lulju 1990 (fol.20) mahrug mill-Malta Development Corporation favur l-istess socjeta' li jinghad li qed topera minn Bezzina Bros. Yard, u ukoll ftehim mhux datat mal-istess socjeta' attrici u iffirmat mill-istess konvenuta ghan-nom ta' Camerio Industry.

Illi minn ezami akkurat tal-istess ftehim mertu tal-kawza odjerna ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta iffirmat *"o.b.o. Comerio Industry",* minn imkien ma jirrizulta mill-istess ftehim li l-istess konvenuta kienet qed tiffirma ghan-nom ta' socjeta' b'persuna guridika distinta u separata minn dik tal-

firmatarja, u fil-fatt l-istess kliem *"Comerio Industry"* anke bin-nuqqas tal-kelma *"Limited"*, certament ma jindikawx l-esitenza ta' kumpanija b'tali personalita' legali distinta, izda sempliciment isem li jista' jigi ikkunsidrat ukoll bhala *"trade name"* jew isem ta' azjenda. Dan certament ma jbiddilx ir-relazzjoni guridika tal-istess socjeta' attrici mal-konvenuta, propju minhabba tali nuqqas da parte tal-konvenuta li tindika sew, jekk kien jezisti l-isem tal-istess socjeta' li llum qed tghid li kienet tezisti u li hija ikkontrattat f'isimha.

Illi d-dokumenti l-ohra esebiti mill-istess konvenuta u li ghalihom saret riferenza iktar il-fuq ma jbiddlu xejn minn tali ragonament stante li fl-ewwel lok ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-ftehim mertu tal-kawza odjerna, anzi huma kompletament separati u distinti mill-istess, u wkoll imkien ma juru li l-istess socjeta' kienet debitament registrata bil-ligi, u li l-istess konvenuta kienet qed tagixxi ghan-nom tal-istess u hekk debitament awtorizzata. Fil-fatt jista' jinghad li ghar-rigward tal-pendenza odjerna id-dokumenti esebiti a fol. 20 u 21 tal-process huma ghas-socjeta' attrici kompletament estraneji, ghaliex il-mertu tal-kawza odjerna huwa biss is-servizz tat-telefon indikat fic-citazzjoni attrici u l-ftehim tat-12 ta' Marzu 1990 u xejn izjed.

Illi fil-fatt tajjeb li jigi rilevat li ghalkemm il-konvenuta inghatat opportunita' sabiex tressaq il-provi taghha kemm bil-procedura tal-affidavits b'digriet tas-7 ta' Frar 2001, u kemm ghas-seduta tal-21 ta' Marzu 2001, l-istess

konvenuta naqset li tressaq kwalunkwe prova, lanqas dwar l-esistenza tal-istess socjeta' li hija qed tallega li iffirmat ghan-nom taghha, u ghalhekk fl-isfond tal-premess, din il-Qorti m'ghandha ebda alternattiva hlief li tichad l-eccezzjoni tal-istess konvenuta, stante li naqset li tipprova dak minnha allegat u li kien oneru taghha ghalhekk li tipprova. *Di' piu* jigi rilevat li l-istess konvenuta lanqas prezentat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u ghalhekk din id-decizjoni qed tinghata skond il-provi hekk prodotti quddiem l-istess Qorti.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi tikkundanna lill-konvenuta:-

(1) thallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u tlettin lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm1,633.49) dovuta minna bhala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghall-linja numru 488219, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 527/94 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 t'April 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**26 t'April 2001.**